Verżjoni Elettronika

A.L. 320 tal-2024

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2024 li jħassru Diversi Liġijiet Sussidjarji taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq postijiet tax-xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jħassru Diversi Liġijiet Sussidjarji taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Tħassir u riżervi.
L.S. 424.12.
L.S. 424.33.

2. Ir-Regolamenti dwar il-Proċedura fil-Bord ta' Appelli dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali) qegħdin b'dawn jiġu mħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.